# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru, 2001**

**Avviz numru : 19/00GT (GM)**

**Scicluna Household Goods & Cane Furniture (Gozo) Limited**

**-vs-**

**Karistu Xerri u b'digriet tat-23 t'Ottubru 2001 isem il-konvenut gie kkoregut u mibdul ghal Michael Angelo Xerri .**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qalet hekk :**

**"Illi l-konvenut xtara diversi oggetti ta' ghamara tal-cane minghand is-socjeta' attrici .**

**Illi ghadu dovut bilanc ta' mija u erbgha u sittin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm164.25c);**

**Illi ghal kemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-konvenut qed jirrifjuta .**

**Illi ghal hekk is-socjeta' attrici qed titlob l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallas il-bilanc ta' mija u erbgha u sittin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (LM164.25c), l-imghax minn lulju 2000 sad-data tal-hlas relattiv u l-ispejjez ta' din il-procedura" .**

**Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa hekk :**

**"Fl-ewwel lok, l-intimat Karistu Xerri mhuwiex il-legittimu kontradittur, izda huwa Michael Xerri l-intimat isostni illi l-ammont fuq l-oggetti pattwiti kienu jammontaw ghal tlett mija tlieta u disghin lira maltin (Lm393) u mhux erba' mija erbgha u sittin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm464.25), kif is-socjeta' attrici qeghda**

**tikkontendi . Rizultat ta' dan il-bilanc dovut huwa inqas minn dak rikjest" .**

**Illi t-Tribunal mhux se jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni billi bi qbil bejn il-partijiet kontendenti, l-isem tal-konvenut gie kkoregut ;**

**Illi kwantu ghall-mertu: il-partijiet jaqblu illi inizjalment il-konvenut ordna l-ewwel, it-tieni u l-ahhar item murija f'Dok SH-1 kif ukoll iz-zewg cushions murija f'Dok SH-2, u li sussegwentement ordna wkoll it-tielet, ir-raba, il-hames u s-sitt item f'dok SH-1 . Jaqblu wkoll illi saret stima fuq l-oggetti inizjalment ordnati li kienet ta' LM380 . Fejn mhux qeghdin jaqblu l-partijiet hu illi filwaqt li l-konvenut qieghed jikkontendi li l-prezz globali kien LM393.25 skond kif jirrizulta minn SH-1, bid-differenza li ma kellux jigi ccargjat extra tal-cushions kif sar skond Dok SH-2; is-socjeta' attrici qed tikkontendi illi l-prezz globali huwa ta' LM464.25 .**

**Sema' d-depozizzjonijiet guramentati tad-diretturi tas-socjeta' attrici, kif ukoll tal-konvenut, u d-dokumenti esibiti ;**
**Ikkunsidra :**

**Illi jekk jinghaddu l-items li gew ordnati inizjalment, u jeskludi l-prezz imnizzel ghaz-zewg cushions, jigi li l-prezz taghhom kellu jkun hekk :**

**Lm 140.87 +**
**Lm 101.74**
**Lm 31.30**
**--------**
**Lm 273.91**

**273.91 x 1.15 (biex jigi mizjud il-VAT) = LM315 .**

**Il-figura ta' LM315 xejn ma taqbel mas-somma ta' LM380 li semmew iz-zewg partijiet kontendenti bhala l-kont tal-ordni originali . Min-naha l-ohra, jekk wiehed jinkludi l-prezz tal-cushions mal-ordni originali, il-kont jigi hekk :**

**Lm 140.87 +**
**Lm 101.74**
**Lm 31.30**
**Lm 61.74**
**----------------**
**Lm 335.65**

**335.65 x 1.15 = LM386**

**Dan l-ammont huwa prattikament l-istess bhas-somma ta' LM380 imsemmijia miz-zewg partijiet kontendenti. U dan ifisser, fuq bilanc ta' probabilita', illi l-cushions ma kinux inkluzi bhala parti mill-ahhar item ta' dok SH-1 (*finishing fabric per metre)* imma kienu bi prezz separat kif indikat f'dok SH-2, ghax kieku kien il-kaz bhalma allega l-konvenut, il-prezz kien ikun ferm inqas mill-ammont ta' LM380 li kien, skond iz-zewg partijiet kontendenti, il-prezz originali . Ta' min jghid illi apparti z-zewg invoices esibiti, meta mar il-konvenut sabiex jaghmel l-ordni inizjali inghata stima miktuba bl-idejn, u li taghha d-dirigenti tas-socjeta' konvenuti ma zammewx kopja . It-Tribunal ma jistax ma josservax illi l-konvenut seta' esebixxa dan il-kont manwali sabiex jikkorobora l-argumenti li gieb, izda naqas li jaghmel dan .**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni fil-mertu tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' LM164.25c dovuti minnu bhala bilanc minn prezz ta' oggetti mixtrija minghand is-socjeta' attrici, izda l-imghax legali jiddekorri biss mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-prezenti procedura.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**

**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S1901GtGm
714